# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tat-tlettax il-laqgha ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-ufficju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju 2011 fil-5.00 pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Is-Sur Ronald Briffa |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Antoine Attard |
| | Is-Sur Tony Formosa |
| | Is-Sinjura Helen Montebello |
| | Is-Sur Emmanuel Farrugia |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sur Michael Fenech Adami (Skuzat) |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Ghal-erbatax il-laqgha tal-Kumitat Amministrattiv kienu prezenti s-Sur Ronald Briffa, s-Sur Antoine Attard, s-Sur Emmanuel Farrugia u s-Sur Tony Formosa u s-Sinjura Helen Montebello. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

## 1. Talba

Il-Laqgha bdiet billi c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal it-talba. Saret ukoll minuta silenzju b'rispett lejn is-Sinjura Fenech Adami.

## 2. Korrezzjonijiet

Is Sur Emmanuel Farrugia qal li hu ma jridx jidher li m'ghandux fiducja fis-segretarju ghax dan mhux minnu. Iktar ikun korrett jekk jghid li s-segretarju mhux ilahhaq f'xoghlu. Din kienet l-unika Korrezzjoni imqajjma mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys ghal minuti numru 13.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 13

Il-minuti tat-tlettax il- laqgha kienu tqassmu mal-agenda u ttiehdu bhala moqrija.

Il-minuti gew approvati mill-membri u ssekondati mis-Sinjura Helen Montebello.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.

4.1 Dwar in-'Night Shelter' ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa, qal hu kien ghamel appuntament mal-kunvent tal-qalb ta' Gesu izda kellu jigi mhassar minnhabba l-funeral tas-Sinjura Fenech Adami. Huwa qal li kellu jerga jaghmel appuntament iehor, kif ukoll appuntament ma' zewg kunventi ohra ma' min is-segretarju kien ga ghamel kuntatt.

4.2 Rigward il-kwistjoni ta' l-arbli tad-dawl il-membru s-Sur Antoine Attard qal li ghal-darba ohra ma kien sar xejn. Rigward il problema tar-residenti li ma' jridux 'wires' jehlu mall-faccata u li ghalhekk l' arbli ma jistghux jitnehhew, il-membri qablu li ghandhom ikellmu lir-residenti huma stess rigward dan.

4.3 Rigward il-progett tal-Bieb ta' Fleur-de-Lys ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li hu ghandu informazzjoni li l-Onor Chris Said jixtieq li jiehu l-bicca f-idejh u jikkordina is-soluzzjoni ghal din il-kwistjoni bejn Santa Venera, fleur-de-Lys u Birkirkara huwa stess, kif ukoll jara kif jista jghin finanzjarjament. Dwar dan ghandha ssir laqgha f'Kastilja.

4.4 Dwar iz-zona ta' hdejn l-iskola ta' Santa Monika c-Chairperson qal hu flimkien mas -Sur antoine Attard kellhom laqgha mal-MRRA, fejn il-perit tal-MRRA ghamel rapport. Din se titnaddaf u tigi pulita. Tibqa sigra wahda biss fin-nofs u jsiru erba bankijiet. Din gejja tiswa madwar Euros3000. L-MRRA talbu biex il-perit tal-kunsill ta' Birkirkara jimla formula mehtiega biex ikunu jistghu jinqatghu il-pjanti tal-oleander li hemm u jkun jista jibda x-xoghol wara li jinhareg il-permess mill-MEPA.

4.5 Dwar Triq Brighella s-segretarju qal li huwa talab lit-TM permess kif kien mitlub mill-kumitat sabiex Triq il-Quccija ssir one way. S'issa m'hemmx risposta.

4.6 Dwar 'il-boundaries' ic-chairperson qal li gie mgharraf li kienu saru xi zviluppi imma s'issa m'hemm xejn konkret.

4.7 Is-segretarju gie mitlub li fi Triq l-Indjana kantuniera ma' Triq Fleur-de-Lys iridu jsiru il-yellow lines. Huwa qal li meta il-haddiema johorgu biex jaghmlu ir-'refreshing' tal-linji dawn ghandhom isiru.

4.8 Rigward Peter Blond u l-problema tat-trakkijiet li jzommu t-traffiku waqt li jkunu dehlin biex ihottu x-xoghol, ic-Chairperson Ronald Briffa qal li ghandu jkellem lil wiehed mid-diretturi huwa stess sabiex jibda juza l-access minn naha ta' wara u hekk tissolva din il-problema.

## 5. Kommunikazzjoni mic-Chairperson.

5.1 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li s-Sindku accetta li jkun jista jintuza Gnien John Borg sabiex ikun jista jitrenja t-team ta' Fleur-de-Lys rigward il-MAFA.

5.2 Rigward is-servizz tal-Arriva, is-segretarju qal li-s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami kellu jaghmel appuntament mas-Sur Delia tal-Arriva biex

jissolvew il-problemi li nholqu minnhabba it-tibdil fir-rotot, specjalment dawk li jolqtu lill-Fleur-de-Lys fejn kien hemm hafna lmenti mir-residenti. Is-Sur Emmanuel Farrugia qal li dwar din il-problema huwa kien ghadda mozzjoni fil-laqgha ta' qabel u tinsab imnizzla fil-minuti. Il-membri talbu li meta ssir din il-laqgha xi hadd mill-kumitat ghandu jkun prezenti.

5.3 Is-Sur Anthony Formosa qal li hdejn il-bank tal-Bank Of Valletta hemm karrozzi ghal-bejgh li qed jiehdu hafna postijiet tal-parking. Ghalhekk is-segretarju 'ntalab biex issir laqgha mal-Pulizija biex din il-problema tigi solvuta.

5.4 Ic-chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li hu jaqbel li l-kumitat ghandu japplika ghal-fondi li jammontaw ghall- Euros20,000 kif indikat f'Memo u li dawn il-fondi ghandhom jintuzaw sabiex jittranga l-gnien kif ukoll il-bankina madwaru. Is-sinjura Helen Montebello qalet li hija taqbel li ghandu jsir Kiosk f'dan il-gnien, izda l-prejorita huma l-fondi.

5.5 Rigward il-akwadott ic-chairperson qal li wara li deher artiklu fil-gurnali lokali, fl-ahhar beda x-xoghol ta' restawr fuq l-akwadott u li dan qed isir b'reqqa kbira.

5.6 Fuq Sqaq Il-Fniek is-segretarju qal li sar rapport lil-Enemalta dwar in-nuqqas ta'dawl. L-Enemalta wara li spezzjonaw il-post qalu li ghandhom isiru zewg arbli u dawn sejrin isiru.

5.7 Is-Sur Anthony Formosa qal li kellu hafna ilmenti minn residenti dwar 'il-pharmacy of your choice' fejn hafna nies qed jilmentaw li dawn l-ispizeriji mhux qed ikollhom il-medicini kollha u ghalhekk il-persuna tintbaghat jew l-isptar jew il-Floriana biex jinqdew. Dan juri li medicina ma' tkunx 'out of stock'.

5.8 Is-Sur Emmanuel Farrugia staqsa fejn sejra tkun irregistrata l-laqgha informali li saret is-sibt 11 ta' Gunju fejn kienet giet deciza l-ghazla tal-istemma ta' Fleur-de-Lys. Il-kumitat qabel li dan ghandu jkun irreggistrat fil-minuti li jmiss.

**6. Aggornament**

Il-laqgha spiccat fis-7.35pm u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn, 1 t' Awissuu 2011, fil-5.00pm, fl-ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Is-Sur Ronald Briffa
Chairperson

Is-Sur Arthur Pizzuto
Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv